# IL-PJAN TAL-LEZZJONI

**Kap 2: Alla Jaħdem fl-Istorja**

**Lezzjoni 2.2: It-tagħlim hu l-għajn ta' kull ġid**

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

1. **Jiftakru fl-istorja ta' Malta bid-diffikultajiet li sabu ruħhom in-nies ta' dawk iż-żmien.**
2. **Jisimgħu l-istorja ta' Ġannina Cutajar.**
3. **Jifhmu kif Alla nqeda b'din il-persuna biex isir il-ġid fost il-Maltin.**

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



- Karta ta' Taħriġ 2.2
- Shout to the Lord.

  http://www.youtube.com/watch?v=gn5CMSSAx_c
- Information on Giannina Cutajar
- Ara wkoll:

  http://museumsdcsociety.blogspot.com/2007/01/superior-generals.html

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu



- Uri stampa ta' tfal fl-antik jiġru barra.
- Spjega li t-tfal ma kinux imorru l-iskola għax l-iskola kienet bil-ħlas u kien hawn il-faqar.
- Uri li kull ma kienu jagħmlu t-tfal kien li jgħinu 'l-ġenituri tagħhom fl-għalqa jew fid-dar.
- Uri stampa ta' San Ġorġ Preca jippriedka. Spjega kif dan il-qassis irnexxielu jinduna bin-nuqqas ta' tagħlim u allura, billi ra ħafna injoranza li kellu l-poplu Malti, iddeċieda li jiddedika ħajtu biex jgħallem.
- Uri stampa ta' Ġannina Cutajar.

## Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-Lezzjoni)



- Agħti din l-informazzjoni fuq Ġannina Cutajar:
-

Ġannina Cutajar twieldet Bormla fl-1898 minn familja li kienet sinjura ħafna. Missierha kien negozjant tal-inbid u kien magħruf ħafna. Minn Bormla mar Raħal Ġdid u meta Dun Ġorġ beda jdur l-irħula u l-bliet ta' Malta, billi kienet familja li kulħadd kien jaf, Dun Ġorġ kien imur għand din il-familja. Ġannina, billi l-familja kienet sinjura, ingħatat edukazzjoni tajba ħafna, sa kienet taf taqra u titkellem bit-Taljan. Ta' madwar 14-il sena aċċettat li tibda tgħallem il-Katekiżmu. L-ewwelnett, ma kinitx faċli li ma tiżżewwiġx u t-tieni li, bħala mara, tgħallem. Ħajjitha għexitha titlob, u ddur l-irħula u l-bliet tgħallem u tagħti l-pariri. Kienet ukoll tgħin bil-flus lil min kien ikollu bżonn u dan kienet tagħmlu bil-moħbi. Kienet hi li ma' San Ġorġ Preca waqfet is-Sessjoni Bniet tal-Museum. Batiet u ħalliet kollox imma baqgħet miexja u rnexxiet.

- Staqsi lill-istudenti x'kienu d-diffikultajiet li din il-persuna ltaqgħet magħhom.
- Oħroġ dawn il-punti:

  Kienet sinjura u ma kinitx taf xi tfisser faqar.

  Kellha tħalli kollox biex tgħallem lill-kbar u liż-żgħar fi żmien meta ħadd ma kien jaf xejn.

  In-norma ta' dak iż-żmien kienet li żagħżugħa tiżżewweġ u hi marret kontra din in-norma.

  Kellha tiffaċċja l-problema li għal dak iż-żmien kienet kbira – li mara tgħallem.
- Staqsi: "Kif taħsbu li ħalliet lil Alla jidħol fid-deċiżjonijiet tagħha?" Hi talbet ħafna, ħadet il-parir tal-ġenituri tagħha, semgħet minn Dun Ġorġ u ddeċidiet li tidħol għal dan ix-xogħol.
- Iftaħ il-ktieb tal-attivitajiet 2.2. Aqra u spjega s-silta mogħtija u fuq bażi ta' klassi imla Attività A.
- Stieden lill-istudenti biex fi gruppi jiddiskutu u jaħdmu Attività B. Xi risposti jistgħu jkunu: imħabba għat-tagħlim, solidarjeta mal-batut, opportunità li tagħmel il-ġid, sens ta' dover.
- Aqra Attività Ċ u oħloq diskussjoni għal din l-attività.
- Agħlaq il-lezzjoni billi tispjega l-fatt li fil-ħajja biex nagħmel dak li hemm bżonn, irrid nitlob u nieħu l-pariri tiegħi minn min jista' jagħtihomli.

## Nikbru flimkien (punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Ġannina Cutajar kienet tfajla sinjura, imma kuraġġjuża ħafna.
2. Kienet tgħix fi żmien meta li tkun fqir kien ifisser tkun injorant għax tkun bla skola.
3. Hi ħalliet kollox biex tkun kapaċi tgħallem il-katekiżmu lit-tfal, speċjalment lil dawk bniet.
4. Kienet hi li għallmet lil xi tfajliet biex dawn kienu kapaċi jgħallmu lill-oħrajn.
5. Kienet l-ewwel mara li, permezz ta' Dun Ġorġ, setgħet tgħallem u teduka ħafna nies.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

- L-istudenti jkollhom xewqa li jitgħallmu aktar, għax it-tagħlim jiftgħilna l-orizzont tagħna.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

http://museumsdcsociety.blogspot.com/2007/01/superior-generals.html



**Nitolbu**

Mulej, agħtini l-kuraġġ biex immur kontra dak li nixtieq jien

ħalli nagħraf dejjem xi trid minni inti.

